

# PRAGUE

## Czech Republic & Germany

**28 ta' Diċembru 2024 - 04 ta' Jannar 2025**

**8 t'ijiem**

**Inżuru:** Prague, Dresden, Karlovy Vary, Cesky Krumlov, Liberec, Moninec

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, NYE Dinner u Taxxi nklużi)

Validu sas-6 ta' Sett

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1040 | €990 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1060 | €1010 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1510 | €1460 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €930 | €880 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Praga
- 20Kgs bagalja + hand luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 7 t'iljieli - Green Garden Hotel 4 star fiċ-ċentru ta' Praga
- Buffet Breakfast kuljum
- NYE 5 course Dinner
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Is-Sibt 28 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fit-14:45 għat- titjira KM538 li ttir fl-17:20 u naslu **Praga** fit-19:50, nibqgħu sejrin lejn il-**Green Garden Hotel 4 star.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hawn diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd, jew tistgħu tieklu. A la carte mir-restaurant tal-hotel.

**Il-Ħadd 29 ta' Diċembru**
Il-belt ta' Praga għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour** ta' **Praga** biex nammiraw parti ta' din il-belt bħal **Prague Castle**, Kumpless kbir ta' bini fejn fost l-oħrajn hawn il-kastell S.Vitus, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz irjali. Wara inkomplu billi nżuru l-Knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, **Charles Bridge eċċ.** Aktar tard jkollna nofs ta'nhar sabiex min irid jista jmur ma' tour leader għal cruise (extra) madwar ix-xmara Vlatva min fejn naraw il-belt min perspettiva differenti. Wara jkollna ħan liberu biex ingawdu **Christmas Market li hawn jibqgħu miftuħin sas-6 ta' Jannar.**

**It-Tnejn 30 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u eskursjoni għal Český Krumlov li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra).Inżuru wkoll il-**Christmas Market fi ' Svornosti Square'**. Nirritornaw lura l-hotel u jkollna l-opportunita li nkomplu nżuru Christmas Markets oħra ġol belt sabiħa ta Praga.

**It-Tlieta 31 ta' Diċembru**
Breakfast u wara jkollna eskursjoni ta'nofs ta'nhar għal-**Jewish Quarter.** Wara hin liberu biex tkomplu tesploraw din il- belt meraviljuża mżejna għal festi tal-Milied. Filgħaxija jkollna serata mill-isbaħ, (inkluż) Welcome drink u 5 Course Gala Dinner u divertiment.

**L-Erbgħa 01 ta' Jannar 2025**
**Is-Sena Tajba!!**
Illum ġurnata 'relaxed'! Breakfast. Tard filgħodu ser immorru **'Skiing resort Moninec'.** Hawn ser ikollna l-opportunita' li nitilgħu bil-cable car sal-quċċata, ikollna ħin biżżejjed biex ingawdu s-silġ u ikla tajba!

**Il-Ħamis 02 ta' Jannar**
Bla dubju, **Dresden**-hekk imsejħa bħala Firenze tan-naħa ta' fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, Opera House, Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet t'interess bħal hekk imsejħa Fürstenzug jew purċissjoni tal-prinċipijiet. Ħin liberu fejn anke tkunu tistgħu tgawdu mill-'January Sales'. Wara nirritornaw lura Praga.

**Il-Ġimgħa 03 ta' Jannar**
L-eskursjoni tal-lum ser teħodna **Liberec**, li tinsab ħdejn il-fruntiera tal-Polonja. Belt iddominata mit-Town Hall, ġawrha t'arkitettura Vjeniża u mdawra bil- muntanji Jizera u Jested. Nitilgħu bil-cable car (extra) fuq il-quċċata tal Muntanja Jested biex ingawdu panorama mill-isbaħ tar-Repubblika Ċeka. Filgħaxija (extra) lejla folkloristika b'ikel u żfin tradizzjonali.



**Is- Sibt 04 ta'Jannar**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il- vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunita' li nappreżżaw il-kampanja ta' din iż-żona. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja **ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani**. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Ħin liberu sabiex wara nkomplu lejn l-ajruport għat-titjira tal- KM Malta Air KM539 li ttir fid-20:40 u naslu Malta fil-23:10.